Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 266/2004

**Fort Blocks Co. Limited**

**vs**

**Manuel Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm522.12) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovut ghal bejgh ta' materjal ghall-bini debitament ikkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess u dana kif jirrizulta mid-Dokument FB1 anness ma'l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 14 ta' Novembru 2003 u bl-imghax legali dekoribbli mit-18 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm522.12), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Ottubru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------